KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 33_18-06-08 V**

## MINUTI TAT-TLIETA U TLETIN SEDUTA

**It-tlieta u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 18 ta' Ġunju, 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Marianne Aquilina**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Luke Vella** |
| **Skużati:** | **Michael Briguglio**<br>**Julian Galea** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:05 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 32_7/05/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 32_7/05/08

L-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 32_7/05/2008 ġew proposti mis-sindku M. Arrigo u ssekondati mil-kunsillier L. Vella.

Kien hemm approvazzjoni bi qbil unanimu mil-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Azzopardi, M. Debono u L. Vella.

## 2. Materji konnessi mal-minuti

2.1 Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis staqsa dwar is-sitwazzjoni tat-trinka fi Triq il-Kbira. Il-viċi sindku nsista li din għandha ssir skond kif inħareġ il-permess, li t-trinka ssir bil-kundizzjoni li l-parti tat-triq maqlugħa tiġi *reinstated.* Is-segretarju eżekuttiv qal li f'din il-kwistjoni l-kunsill kien bagħat l-ittri saħansitra bl-avukat. Żied jgħid ukoll li *Tal-Magħtab Construction* apparentament ma jridux jagħmlu t-trinka minħabba li hemm il-problema tal-kappella kif. Is-segretarju eżekuttiv qal li kien kiteb il-kurja dwar il-kappella kif ukoll lill-perit tal-kurja iżda għadna ma rċevejniex risposta. Il-viċi sindku qal li l-kunsill m'għandux għalfejn idaħħal l-kappella għax it-trinka għandha ssir. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill li dwar dan kollu se ssir laqgħa urġenti ma' l-Awtorita` tat-Trasport, flimkien mal-Magħtab Construction u mal-avukat u naraw x'se jisvolġi minn din il-laqgħa.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fis-seduta fl-4.15pm.*

2.2 Il-kunsillier L. Vella staqsa dwar it-*telephone booths* tas-Shigo. Il-kunsill ġie infurmat li l-avukat tal-kunsill reġa kiteb. Is-segretarju eżekuttiv staqsa lid-Dipartiment ta' l-Artijiet jekk dawn għandomx permess, iżda għal dan għadna ma' rċevejniex tweġiba minkejja li bagħatna *reminder.* Il-kunsill għandu jerġa jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u jistaqsi wkoll f'każ li m'hemmx permess min se jneħħi dawn it-*telephone booths.* Sadanitant il-kunsilliera preżenti s-Sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, u l-kunsilliera M. Azzopardi, M. Debono, N. Dimech u L. Vella qablu li għandhom jitneħħew żewġ *telephone booths* mix-Xatt in-naħa ta' Triq Bisazza.

## 3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv

3.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza kollha dwar it-talba għal permess għal lejla Malija mil-għaqda tan-nar Festa Madonna tal-Karmnu.

*Daħlet il-kunsilliera M. Aquilina fl-4.25pm fis-seduta.*

Kien hemm approvazzjoni bi qbil unanimu mil-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Azzopardi, M. Aquilna, M. Debono, N. Dimech u L. Vella li l-kunsill jagħti permess għal erba ġranet biss, kif kien ingħata permess lill-każini l-oħra. Il-kunsill qabel li d-dati jkunu mil-24 ta' Lulju sas-27 ta' Lulju, 2008 b'dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Il-kunsill ma jistax jirrifjuta permessi għal *kiosks* oħra li normalment jarmaw.
2. Il-mejda għandha tkun biss nofs il-metraġġ li talbu (bejn wieħed u ieħor seba metri u nofs)
3. Il-mejda għandha tiġi armata mit-tabella tal-merħba Tas-Sliema 'l hemm.
4. L-area użata trid tinżamm nadifa speċjlament wara l-attivita`
5. Irid ikun hemm *litter bins*
6. Jinbiegħ ikel Malti kif inhu indikat fl-ittra

7. Mużika ma tinżamx għolja u mhux iktar mil-Ħdax ta' filgħaxija.
8. F'każ li waħda minn dawn il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma tinżammx kull ġurnata, awtomatikament il-permessi għal ġranet l-oħra jiġu invalidi.

3.2 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal applikazzjoni bin-numru PA 761/05 ta' l-*Exiles Sports Club*. Il-kunsill preżenti ġie infurmat li fit-13 ta' Settembru 2005, il-MEPA kienet bagħtet ittra fejn talbet il-kummenti tal-kunsill fi żmien tletin ġurnata mid-data li l-kunsill ikun irċieva l-ittra. Dwar dan fis-27 ta' Ottubru, 2005 il-kunsill ta' qabel kien bagħat li ma jsibx oġġezzjoni li jsiru alterazzjonijiet sakemm ma jitnaqqsux id-drittijiet li l-pubbliku jibqa juża x-xtajta u li ma jkunx ta' dannu għan-nies. Is-sindku M. Arrigo rrimarkat li fl-aħħar seduta tas-7 ta' Mejju, 2008 kienet speċifikat li f'din il-leġislatura tal-kunsill, il-kunsill ma ġiex ikkonsultat mil-MEPA dwar din l-applikazzjoni. Qalet ukoll li f'din l-istess seduta tas-7 ta' Mejju, 2008 staqsiet jekk fiż-żmien tal-kunsill ta' qabel kienux irċievu konsultazzjoni mil-MEPA, fejn it-tweġiba kienet li l-kunsill ma' kienx irċieva. Ġie innotat ukoll li ma kien hemm l-ebda nota fil-minuti tas-sena 2005. Is-Sindku qalet li kieku f'din l-istess seduta msemmija l-kunsill kellu l-informazzjoni korretta ma konniex niktbu lil-MEPA bl-avukat. Fis-sitwazzjoni preżenti l-kunsill ġie nfurmat li preżentatment inħareġ l-*outline permit*. Madankollu l-kunsilliera s-sindku M. Arrigo , il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Azzopardi, N. Dimech, M. Debono u L. Vella qablu mal-proġett diment li ma jkunx hemm *deck area* fuq ix-xtajta. Li jżommu l-area tagħhom u li jkunu konformi bil-permessi kollha neċessarji mil-Awtoritajiet konċernati kif ukoll mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Madankollu, il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li għandna niktbu lill-MEPA fejn ninfurmaw lill-Exiles ukoll sabiex nitolbu li niġu kkonsultati meta joħroġ il-*full development permit*. Il-kunsill ikun jista jagħti l-kummenti tiegħu wara li jiġi kkonsultat.

3.3 Dwar il-kwotazzjoni għall-pompa ta' l-ilma baħar fi Ġnien Indipendenza, il-kunsill ġie infurmat li hemm waħda tiswa € 6056.37 u oħra tiswa € 8152.81 vat inkluz. Is-segretarju eżekuttiv qal li kien sema li hemm ċans li l-pompa tinxtara mil-Ministeru MRES. Ġie deċiż li għandna nistaqsu bil-miktub dwar dan.

3.4 Talba minn *Sliema Day Centre* biex tinxtara *toaster* li tiswa €330.84. Il-kunsill qabel li għandu jagħti kontribuzzjoni ta' mhux aktar minn €100.

3.5 Risposta mill-Awtorita` Dwar it-Trasport dwar il-proposti dwar il-problema tat-traffiku f'Tas Sliema mis-Sur Joe Morana, fejn talbu *site plan* tad-direzzjoni u *traffic counts* fi Triq Rudolfu u Triq Mrabat u Rue D'Argens. Il-kunsill għandu jikteb lill-Awtorita` fejn jgħid li ma jħossx li huwa kompetenti li jagħmel dan it-tip ta' xogħol iżda għandha tkun l-istess awtorita.'

3.6 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti bir-risposta tal-perit Lucienne Stafrace dwar l-applikazzjoni tagħna għal *traffic impact assessment* permezz ta' *UIF Funds,* fejn talbu lill-kunsill għal *estimated costs.* Biex isir dan il-kunsill irid joħroġ sejħa għall-offerti li se tinvolvi ħafna flus xorta waħda. Il-kunsill ma qabilx dwar dan u s-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-kummenti li kienu saru minnu waqt is-seduta il-MEPA skond deċiżjoni tal-kunsill fejn għandhom ikunu l-iżviluppaturi l-kbar li għandhom jiffinanzjaw dawn l-istudji.

3.7 Korrispondenza minn Simone Ellul dwar il-*pay phones.* Il-kunsill qabel li l-*hexagonal pay phones* il-ħodor li hemm ix-Xatt jitneħħew kemmil-darba dawn mhumiex propjeta' tal-GO. Ms Ellul irrimarkat ukoll li qegħdin isibu problemi biex isewwu l-kumplament tal-*phone booths* minħabba t-traffiku. Il-kunsill qal li dawn għandhom iħallsu għal servizz ta'

gwardjan lokali.

3.8 Talba għal donazzjoni mir-Razzett tal-Ħbiberija għal *fundraising event* tas-7 ta' Ġunju, 2008. Il-kunsill ma' laqax din it-talba.

3.9 Talba għal donazzjoni minn *Simon's pub music festival* għal maratona li saret f'April, 2008. Il-kunsill innota li l-attivita' ila li saret u ma laqax din it-talba.

3.10 Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta żewġ stimi dwar is-*safety tiling* fis-*Sliema Playing Field* ta' Pierre J.G. Cassar € 11883 u Conmal Ltd (€11340.12). Il-kunsill qabel li għalissa ma tittiħdietx deċiżjoni sakemm ikun hemm il-permess neċessarju mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

3.11 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera dwar il-laqgħa li kienet saret il-Ħamis 22 ta' Mejju, mal-Fondazzjoni Ambjent Aħjar. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni u l-kunsill qabel, li jħalli dan il-każ għal seduta oħra minħabba li l-istess assoċċjazzjoni kellha tgħaddi informazzjoni għall-attenzjoni tal-kunsill.

3.12 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill dwar il-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret fl-10 ta' Ġunju 2008 dwar tibdil f'direzzjoni tat-traffiku. Fis-sotto kumitat, li ġie ifformat mil-pubbliku stess ta' dak in-nhar tal-laqgħa, ġie propost hekk:

- Triq Borg Olivier tigi *one way* 'lisfel
- Triq Amery tigi *one way* 'l fuq
- Triq il-Kbira tibqa *two way*
- Karozzi kbar u *coaches* jinżlu għal Triq Borg Olivier

Ma kienx hemm qbil dwar dawn il-proposti kollha. Kien hemm diversi suġġerimenti mil-kunsilliera. Il-kunsill ma ħa l-ebda deċiżjoni dwar dan u l-każ ġie pospost għal seduta oħra.

3.13 Talba mis-Sinjura Camilleri biex issir *cat's cafe* fi Qui si sana kif saret waħda fil-Ġnien Indipendenza. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.14 It-talba minn *The Palace* biex jitwaħħlu aktar tabelli biex jindikaw il-*car park* tagħhom, ma ntlaħqitx mil-kunsill.

3.15 Il-kunsill ma' laqax it-talba rigward donazzjoni għall-attivita` *Running for Charity.*

3.16 Talba minn *Qui si sana Residents Association* u *Tigne Residents Association* sabiex jiltaqgħu mal-kunsill u l-ADT rigward diversi materji dwar l-ambjent. Il-kunsill qabel ma dan u s-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-korrispondenza li kien bagħat kif ukoll irċieva mil-ADT dwar dan.

3.17 Talba biex tiġi rrestawrata niċċa fi Triq Ġafar. Il-kunsill għandu jistaqsi lill-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura għal għajnuna finanzjarja. Filwaqt li jekk din it-talba ma tintlaqax il-kunsill joħroġ l-ammont ta' €349.41.

3.18 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill li għal korrispondenza li kien bagħat lid-Dipartiment ta' l-Artijiet fl-14 t'April u fl-14 ta' Mejju, 2008 rigward il-biċċa art ta' ħdejn il-bandli taħt it-torri biex tintuża bħala *playing field*, għadna ma' rċevejniex risposta.

3.19 Il-kunsill ġie infurmat dwar il-laqgħa li kellu dwar il-*canopies* fix-Xatt tas-Sliema, fejn qiegħed isir infurzar ma' dawk li kienu bla permessi. Sadattant il-kunsill ikkumenta dwar it-*ticketing booths* li hemm ix-Xatt. Il-kunsill qabel li ma jieħux pożizzjoni dwar dan minħabba li dawn jaqgħu taħt id-Dipartiment ta' l-Artijiet, filwaqt li ġie rrimarkat li l-kunsill m'għadux joħroġ permessi għal dawn it-*ticketing booths*.

3.20 It-talba għal *sleeping policeman* ġewwa Triq il-Knisja ma ntlaħħqitx.

3.21 Is-segretarju eżekuttiv informa li saret laqgħa mal-kumitat konġunt tad-dwal tat-toroq fejn il-kunsillier L. Vella ikkumenta li jekk il-kunsill irid joħroġ minn dan il-kumitat irid jikteb sa' l-20 ta' Ġunju, 2008, filwaqt li ġibed l-attenzjoni li diġa ħarġu żewġ kunsilli oħra minn dan il-kumitat. Fakkar ukoll li l-ispiża titqassam fi tliet suġġetti li jinvolvu, l-*contracts manager*, is-salarju tal-koordinatur, u l-ispiża sħiħa tas-sistema kollha tad-dawl.

Il-kunsill qabel li għandu jikteb lil-kumitat dawn il-kundizzjonijiet.

- Li m'hemmx bżonn li l-bozoz jiġu ċċertifikati minn perit, għas-sistema filkas jintbagħtu l-kunsill stess.
- Niġbdu l-attenzjoni li s-*shifting* ta' bozza huwa għoli ħafna
- Is-servizz mhux dejjem jingħata fiż-żmien kif inhu stipulat
- Fit-*tender* irid ikun hemm imniżżel li jekk il-kuntrattur ma' jibqax l-istess irid jieħu r-responsabbilta` tal-garanzija li tingħata fuq il-bozzoz
- Li meta jmorru fuq l-istess bozza ma jkunx hemm għalfejn li jżommu *charge* kull darba
- Jekk l-ispiża tas-sistema kollha tkun għolja żżejjed, il-kunsill jirriserva d-dritt li joħroġ mis-sistema tad-dawl.

3.22 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill li l-Awtorita` Dwar it-Trasport ġibdet l-attenzjoni li fil-kunsill ta' qabel kien hemm qbil li l-perċentaġġ għal parkeġġ riżervat ikun bil-perċentaġġ differenti f'postijiet kummerċjali (35%) u f'postijiet residenzjali (50%). Il-kunsill qabel li jżomm ma' l-aħħar deċiżjoni li ttieħdet li l-perċentaġġ jinżamm ħamsin fil-mija f'kull triq minħabba li hu mhux f'pożizzjoni li jiddetermina l-inħawi kummerċjali jew residenzjali. Il-kunsill qabel ukoll li jekk hemm bżonn il-GRTU terġa tikkunsidra l-proposta tal-kunsill li l-persentaġġ ta' applikazzjoni ta' RPZ f'kull triq tkun ta' 50%.

3.23 Għal applikazzjoni tar-*reserved parking* għal persuni b'diżabilita' il-kunsill ma qabilx li dawn għandhom jingħataw.

| | |
|---|---|
| Triq Santa Agatha | Rif: 127 |
| Triq il-Knisja | Rif: 129 |
| Triq Manwel Dimech | Rif: 130 |
| Triq San Pietru | Rif: 131 |
| Triq Annunzjata | Rif: 132 |

Filwaqt li qabel li għandha tingħata għal din l-applikazzjoni ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Triq il-Kulleġġ l-Antik | Rif: 128 |

3.24 Talba minn Polidano Bros għal żieda fil-ħlas tat-*tarmac* li sar fi Triq Rudolfu minħabba li għola l-prezz tal-*hot asphalt*. Il-kunsill għandu jieħu parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Sadattant il-viċi sindku A. Bonello Dupuis ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li l-

*patching* fi Triq Carmel ma' Triq Santa Marija għadu ma sarx sew. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li dan kien xogħol li sar ftit taż-żmien ilu u li l-kuntrattur kien ġie infurmat li għandu jsir. Il-kunsill ġie infurmat ukoll li x-xogħol li għax-xogħol li sar fi Triq Rudolfu se tinħareġ *invoice* kontra l-*credit note* li diġa nħarġet rigward l-*hoarding* ta' l-istess kumpanija fi Triq it-Torri.

3.25 Talba mill-Universita` ta' Malta biex isir *jumble sale* f'Għar id-Dud b'riżq *Smile for Albania* nhar is-Sibt 9 ta'Awissu. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita`.

3.26 Talba minn *ADI Associates Environmental Consultants* dwar *Planning support for local Councils*. Il-kunsill ma qabilx ma dan.

3.27 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-membri tal-kunsill li l-kuntratt dwar ix-xogħlijiet żgħar fit-toroq li kien mogħti lis-Sur Ray Cachia skada fil-15 ta' Ġunju, 2008. Il-kunsill qabel li għandu jestendi l-kuntratt sakemm tinħareġ *tender* oħra u s-Sur Cachia jagħmel ix-xogħol pendenti li għandu.

3.28 Talba minn *CAM Productions International* għal donazzjoni b'riżq l-edizzjoni 'Oħloq Tbissima` għal missjonarji tal-MSSP. Il-kunsill qabel li għandu jagħti donazzjoni ta Eur 58.23 jekk taqa taħt it-tmien skeda tal-liġijiet tal-kunsilli lokali.

3.29 Talba għal donazzjoni mill-Iskola Primarja ta' Tas-Sliema għal *fun walk* li saret fit-3 ta' Ġunju, 2008. Il-kunsill ma' laqax din it-talba.

3.30 Il-kunsill ma' laqax it-talba tal-*PBS TV Cultural Series production team* għall-attivitajiet dwar l-Artiġjanati Malti-Għawdxi.

3.31 Il-kunsill ma' laqax it-talba minn *Lidea Events Ltd* għal attivita' *Summer Bash 2008.*

3.32 Dwar il-laqgħa annwali li saret għar-residenti Slimiżi il-kunsill ġie infurmat li s-suġġerimenti u l-ilmenti kienu innataw l-attenzjoni u l-azzjoni neċessarja mil-kunsill.

3.33 Korrispondenza mid-Dipartiment ta' l-Artijiet għal talba f'isem Joe Vassallo għal permess għall-imwejjed u siġġijiet ix-Xatt ta' Tigne' f'Tas-Sliema. Il-kunsill għandu jirrispondi li kemm il-darba l-imwejjed u siġġijiet se jestendu iktar mil-faċċata ta' l-istabbiliment il-kunsill joġġezzjana, u dan sabiex ma jinħolqux problemi speċjalment meta ma ġemb l-istabbilliment ikun hemm entratura ta' appartamenti.

3.34 Korrispondenza minn *Food Chain holdings* sabiex jagħmlu l-*boards* tal-kunsill fi Triq Bisazza faċċata tal-pizza hut, fejn ikunu jistgħu jirriklamaw l-*Pizza Hut*. Il-kunsill iddeċieda li għandu jagħmel in-*notice board* ta' Triq Bisazza mil-flus tiegħu u jikkunsidra t-talba minn *Food Chain holdings* aktar il-quddiem.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-kunsillier L.Vella staqsa dwar l-*iscaffolding* li waqa fi Triq Bisazza u l-ħsara li saret lill-kunsill. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu kien diġa niżel fuq il-post fejn ħa r-ritratti meħtieġa u ġab stimi. Ippreżenta stimi tal-*barrier* li kien hemm mal-lattrina pubblika fejn is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li hemm differenza ta' madwar € 698 biex dan isir aħjar. Il-kunsill qabel li għandna nippreżentaw din l-istima lill-pulizija għax m'hemmx daqshekk differenza. Is-segretarju eżekuttiv spjega wkoll li hemm inkjesta maġisterjali li għada għaddejja u kien qiegħed jikkorrispondi ma' l-ispettur Arno`. Il-kunsill qabel li

għandna nirranġaw l-affarijiet kif kienu mill-aktar fis u li niktbu b'permezz ta' l-avukat tal-kunsill lil *Vassallo Builders* għal ħsara li saret fit-triq imsemmija. Sadattant il-kunsill qabel ukoll li għandhom jintużaw il-*barriers* tal-pulizija sakemm jitpoġġa r-*railing* il-ġdid, li jagħti għall-lattrina pubblika. Ġiet approvata l-kwotazzjoni mingħand Ruben ta' l-*Ironworks* li kienet l-orħos stima għar-*railing* ta' Bisazza.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsill ġie infurmat li f'ċekk numru 9524 iċ-ċekk kellu jiġi indirizzat lis-Soċjeta' Filarmonika Stella Maris u mhux Soċjeta Filarmonika Sliema.

5.2 Il-kunsill ġie infurmat ukoll li għaċ-ċekk numru 9581 f'isem is-Sur Ray Cachia rċevejna mandat mil-Qorti fejn il-kunsill irid jirċievi kontra mandat biex jinħareġ dan il-ħlas.

5.3 Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis reġa rrimarka dwar is-servizz li qiegħed jingħata mit-*Transline Co. Ltd* għal ġbir ta' l-iskart fejn mhumiex jinżammu regolamenti tat-*tender*. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li kien diġa bagħat id-*default notices* u l-kunsilliera preżenti qablu li għandu jitnaqqas 10% mil-kont ta' Mejju, 2008.

5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni lill-kunsill tal-kontijiet li ġew ippreżentanti mil-Perit Bezzina li kienu fl-iskeda tal-pagamenti. Waqt is-seduta tqassmu kopji ta' kull kont u kopja tar-rati tat-tender lill-kunsilliera preżenti. Ġie nnotat li jista jkun il-każ lihemm xi *invoices* li mhumiex skond ir-rati tat-*tender*. Il-kunsill qabel li m'għandux japprova kull *invoice* u għandu jkellem l-avukat ukoll. Sadattant il-kunsilliera preżenti s-Sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, N. Dimech, M. Debono u L. Vella assiguraw lis-segretarju eżekuttiv li se jagħtu l-appoġġ kollu tagħhom meħtieġ lill-amministrazzjoni fejn jidher li l-ammont mitlub ma jkunx l-ammont dovut.

5.5 Il-kunsillier N. Dimech ippropona filwaqt li l viċi-sindku A. Bonello Dupuis ssekonda li l-pagamenti ta' din is-seduta, minn ċekk numru 9495 sa 9582 jiġu approvati minghajr iċ-ċekkijiet li ġew diskussi f'punti 5.1, 5.2, 5.3 u 5.4. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-kumplament tal-pagamenti mill-membri preżenti, is-sindku M. Arrigo il-viċi sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. Aquilina, N. Dimech, M. Debono u L.Vella.

**7. Affarijiet Oħra**

7.1 Il-kunsilliera M. Aquilina staqsiet dwar il-korsjiet tal-kompjuter. Il-kunsill qabel li għandu jara dan għal żmien t'Ottubru, 2008.

*Il-kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-6.40pm.*

7.2 Il-kunsillier L. Vella rrimarka dwar is-*surfside* li qiegħed jitfa skart ġo kaxxa li qiegħda f'post pubbliku. Filwaqt li fakkar li hemm bżonn li jerġgħu jibdew jinżlu l-gwardjani lokali taħt it-Torri issa li beda s-Sajf. Il-kunsillier L. Vella qal ukoll li hemm bżonn li tiġi rrifriskata l-marka tal-*helicopter* li qegħda fis-*Sliema playing field.*

Is-seduta ntemmet fis-6.45pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**